MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2007

Numru. 230/2003

QORTI TAL-MAGISTRATI
(MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.

Illum, 12 ta' Ottubru , 2007

Pulizija
(Spettur Joseph Mercieca)
Vs
Emanuel Grima

Il-Qorti;

Rat l-imputat Emanuel Grima ta’ 43 sena, iben Francis u Anne nee’ Gauci, imwieled il-Mellieha fl-20 ta’ Dicembru 1959 u residenti 137, Fontanella, Triq Napuljun Caruana Dingli, Mellieha u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 72760(M) gie mressaq quddiemha talli fit-3 ta’ April, 2002, ghall-habta tat-3 p.m.,fi Triq il-Mithna l-Gdida, Mellieha, volontarjament hassar ghamel hsara jew xort’ohra gharraq *mobile phone* tal-marka ‘Siemens’ u arlogg ta’ l-idejn ta’ Emanuel Fava, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin (LM500.00) (Art.325 (b) tal-Kap.9.)

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija flimkien jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat tapplika il-provvedimenti tal-Artikolu 383 tal-Kap 9.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti,inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 4 ta’ Marzu 2003 (a folio 7 tal-process) sabiex dan il-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja.

Semghat lill-imputat fuq imsemmi wiegeb illi ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Ili fis-seduta tas-17 ta’ Marzu 2005 l-imputat issoleva l-eccezzjoni tan-*ne bis in idem* u dan stante illi l-imputat diga tressaq il-Qorti kif diversament presjeduta fuq akkuzi ohra naxxenti mill-istess fatt.

In-sostenn ta’ din l-eccezzjoni l-imputat prezenta vera kopja ta’ sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-25 ta’ Ottubru 2006 ( a folio 68 sa 70).

Minn ezami tal-imsemmija sentenza jirrizulta evidenti li ghalkemm l-akkuzi li taghhom l-imputat Emanuel Grima nstab hati huma differenti minn dawk odjerni, dawn l-akkuzi huma naxxenti mill-istess fatt li fuqu hija bbazata l-akkuza odjerna. Permess tal-akkuza odjerna fil-fatt l-imputat qed jigi akkuzat talli waqt incident li nqala’ fit-3 ta’ April 2002 ghall-habta tat-3:00p.m.,fi Triq il-Mithna l-Gdida, Mellieha huwa kkaguna hsara volontarja fil-*mobile phone* u arlogg tal-idejn propjeta’ ta’ Emanuel Fava.L-akkuzi li taghhom l-imputat instab hati permezz tas-sentenza hawn fuq imsemmija ukoll jirrigwardaw dan l-incident li nqala bejn l-imputat u Emanuel Fava.

L-Artikolu 527 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’Malta jghid is-segwenti:-

*“Wara sentenza li f’kawza tillibera imputat jew akkuzat, dan ma jistax ghall-istess fatt ikun soggett ghal kawza ohra”.*

L-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta jghid is-segwenti:-

*‘‘Ebda persuna li turi li tkun ghaddiet proceduri quddiem xi qorti kompetenti ghal reat kriminali u jew tkun giet misjuba hatja jew liberata ma ghandha terga’ tghaddi proceduri ghal dak ir-reat jew ghal xi reat kriminali iehor li ghalih setghat tigi misjuba hatja fil-proceduri ghal dak ir-reat hlief wara ordni ta’ qorti superjuri moghti matul il-kors ta’ appell jew proceduri ta’ revizjoni dwar id-dikjarazzjoni ta’ htija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma ghandha tghaddi proceduri ghal reat kriminali jekk turi li tkun hadet il-mahfra ghal dak ir-reat’’.*

Il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija fis-**26 ta’ Lulju 2002** fil-kawza fl-ismijiet **‘Pulizija vs Mahmud Abudumehdn Tarek’** spjegat id-differenza bejn dawn iz-zewg disposizzjonijiet tal-ligi bil-mod segwenti-:

"*Dak li hu relevanti hu li n-ne bis in idem kif espress fl-artikolu 527 tal-Kodici Kriminali, hija aktar wiesgha minn kif formolat fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta , filwaqt li l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jitkellem dwar 'reati kriminali' u japplika d-dottrina tan-ne bis in idem ghal dak r-reat kriminali li tieghu dak li jkun gie misjub hati jew illiberat u ghal 'reati kriminali' ohra komprizi w involuti f'dak r-reat kriminali partikolari, l-artikolu 527 jitkellem dwar l-istess fatt".*

Illi ghalkemm l-artikolu 527 jitkellem biss dwar f'kaz ta' liberazzjoni, din ghandha tigi nterpretata li anke f'kaz ta' kundanna. {vide Il-Pulizija v Anthony Vella –Appell Kriminali -19.02.99}

Skond is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnax ta' Dicembru 2002 fl-ismijiet Il-Pulizija v Dominic Abela gie deciz li hemm zewg elementi li jridu jigi ppruvati sabiex tista' tissusisti eccezzjoni ta' ne bis in idem ai termini tal-Artikolu 527 li huma s-segwenti.

a. Tkun l-istess persuna akkuzata fil-proceduri separate, u

b. Li l-akkuza sussegwenti trid tkun bazata fuq l-istess fatt li l-persuna akkuzata tkun gia giet gudikata fuqha precedentement.

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet esebita a folio 55 tal-process il-Prosekuzzjoni qablet li l-persuna akkuzata fil-proceduri separati hija l-istess wahda u cioe' li l-imputat odjern huwa l-istess persuna li nghatat sentenza fil-konfronti tieghu minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-25 ta' Ottubru 2006. Kif diga ntqal aktar il-fuq jirrizulta wkoll li l-akkuza odjerna tirrigwarda l-istess fatti li taghhom l-imputat instab hati permezz tas-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2006.

L-eccezzjoni tan-*ne bis in idem* sollevata mill-imputat hija ghalhekk fondata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem* sollevata mill-imputat u tastjeni milli tiehu konjizzjoni

ulterjuri tal-akkuza odjerna migjuba fil-konfronti tal-imputat Emanuel Grima.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------